KUNSILL LOKALI TAS-SLIEMA
Triq Depiro,
Tas-Sliema, SLM 2037 - MALTA

TAS-SLIEMA

TAS-SLIEMA LOCAL COUNCIL
Triq Depiro,
Tas-Sliema, SLM 2037 - MALTA

Telephone: +356 2133 7633
Fax: +356 2134 5333
Email: sliema.lc@gov.mt
Website: www.sliema-malta.com

**MINUTI TAS-SEDUTA NRU. 30 *ad hoc*** **IS-SITT KUNSILL**

It-tletin seduta *ad hoc* tal-Kunsill Lokali Tas-Sliema nżammet l-Erbgħa **2 ta' Marzu, 2011** fis-6 ta' filgħaxija fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fi Triq Depiro, Tas-Sliema.

**PREŻENTI**

Is-Sindku Johanna Gonzi, il-Viċi Sindku Cyrus Engerer u l-Kunsilliera Sandra Camilleri, Edward Cuschieri, Nikki Dimech, Julian Galea, Nicolai Gauci u Patrick Pace.

**UFFIĊĊJALI PREŻENTI**

Is-Segretarju Eżekuttiv Svetlana Curmi u l-*Assistant Principal* Stefania Friggieri.
Is-Sur Christian Vella
Dott Marion Camilleri

**SKUŻATI**

Il-Kunsilliera Marianne Aquilina (minhabba ragunijiet personali), il-Kunsillier Yves Cali (minhabba ragunijiet personali), u Martin Debono (minhabba ragunijiet ta' xoghol)

Is-Sindku ppresediet

## 1. Pagamenti pendenti

30.1.1 Is-Sindku irreferiet ghac-cedola tal-pagamenti pendenti (*'Doc A' anness mal-minuti*)

30.1.2 Saret diskussjoni fuq kull pagament u ġie deċiż kif ġej:

| Referenza | PJV | PAYEE | Deċiżjoni | Rimarki |
|---|---|---|---|---|
| 1 | 582/10 | Velljo Services | Mhux approvat | Dan il-pagament mhux kopert b'offerta ghalhekk m'ghandux jithallas. |
| 2 u 3 | 522/10 u 503/10 | Sigmund Mifsud | Approvati | Dwar dan il-pagament il-Kunsillier N. Dimech qal li hu ma kienx ingħata *costings* ta' kemm se tiġi tiswa l-attivita li ghaliha gie mqabbad is-Sur Mifsud. Dott. Camilleri qalet li la darba s-servizz ingħata u l-ammonti huma t-tnejn inqas minn dak li jiġi stipulat bħala *direct order* allura dan għandu jitħallas. Il-Kunsill qabel b'mod unanimu li dawn iż-żewġ pagamenti għandhom jitħallsu. |
| 4 | 477/10 | Sandro Vella | Approvat | Bi qbil unanimu |
| 5 | 476/10 | Marie Therese Vassallo Voice Studio | Approvat | Bi qbil unanimu |
| 6-8 | 464/10 542/10 541/10 | Transient Light and Sound Ltd | Approvati | Kien hemm diskussjoni fit-tul dwar dan il-pagament. Dott. Camilleri qalet li la darba s-servizz ingħata u l-ammonti huma t-tnejn inqas minn dak li jiġi stipulat bħala *direct order* allura dan għandu jitħallas. Is-Sindku pproponiet li dan il-pagament ghandu jitħallas. Il-Viċi Sindku issekonda. Il-Kunsilliera E. Cuschieri, S. Camilleri, N. Gauci, J. Galea u P. Pace ivvutaw favur. Il-Kunsillier N. Dimech ivvota kontra. Il-Kunsillier N. Dimech talab li jikkwalifika l-vot tieghu u qal li hu qed jivvota kontra dan il-pagament ghax ma kienx gie avżat bi stima |

| | | | | |
|---|---|---|---|---|
| | | | | ta' kemm se tiġi tiswa din l-attivita li għaliha gie mqabbad dan il-kuntrattur. |
| 9 | 542/10 | Leon Promotions | Approvat | Bi qbil unanimu |
| 10 u 11 | 538/10 u 432/10 | Raymond Cachia | Pendenti | Saret diskussjoni fit-tul dwar dan il-pagament. Il-Kunsillier N. Dimech qal li l-proprjeta li fuqha sar ix-xoghol kienet ta' periklu ghas-sahha tar-residenti fil-vicinanzi taghha u ghalhekk dan ix-xoghol kellu jsir b'mod urġenti. Il-Kunsill qabel li ghandha tintbaghat korrispondenza lid-Dipartiment ghal Gvern Lokali ghal gwida tieghu. |
| 12 | 603/10 | Med Developers Designers and Consultants | Approvat | Bi qbil unanimu |
| 13 u 14 | 568-599/10, 544-546/10 | Mica Med Ltd | Approvati | Bi qbil unanimu |
| 15 | 629/10 | Socjeta Filarmonika Sliema | Mhux Approvat | Il-Kunsill iddiskuta dan il-pagament u dddecida li minhabba li din hija donazzjoni dan il-pagament ma jistax isir. Il-Kunsillier N. Dimech qal li hu kien ta' xi flus personalment lis-Socjeta Filarmonika Sliema. Il-Kunsill qabel ukoll b'mod unanimu li din it-talba ghal pagament għandha titneħħa mil-kotba tal-Kunsill. |
| 16 u 17 | 594-595/10, 596-597/10 | Med Developers Designers and Consultants | Approvati | Bi qbil unanimu |
| 18 | 526/10 | Joe Bugeja and Associates | Mhux Approvat | Il-Kunsll qabel b'mod unanimu li dan m'għandux jitħallas għaliex mhux kopert b'offerta. Il-Kunsill qabel b'mod unanimu li dan il-pagament għandu jitneħħa mill-kotba tal-Kunsill. |
| 19 | 450/10 | Satariano | Approvat | Wara diskussjoni fit-tul dwar dan il-pagament, is-Sindku pproponiet li jsir il-ħaas. Il-Viċi Sindku issekonda. Il-Kunsilliera E. |

| | | | | |
|---|---|---|---|---|
| | | | | Cuschieri, S. Camilleri, N. Gauci, J. Galea u P. Pace ivvutaw favur. Il-Kunsillier N. Dimech astjena. |
| 20 | 502/10 | International Eurotrade BG | Mhux Approvat | Il-Kunsill ma qabilx li dan il-pagament ghandu jsir minhabba li l-proċess ta' gemellagg ma ġiex segwit skont il-proċeduri. |
| 21 sa 23 | 491/10<br>621/10<br>494/10 | Med Developers, Designers and Consultants | Approvati | Is-Sindku J. Gonzi pproponiet li dawn il-pagamenti jsiru minhabba li huma koperti b'tender. Il-Viċi Sindku issekonda. Il-Kunsilliera E. Cuschieri, S. Camilleri, N. Gauci, J. Galea u P. Pace ivvutaw favur. Il-Kunsillier N. Dimech astjena |

30.1.3 Il-Kunsillier N. Dimech ġie mistoqsi dwar talba ghall-pagament minn Portopalo bir-referenza PJV 649/10 li kien qed jidher bhala pendenti fil-kotba tal-Kunsill.

30.1.3.1 Il-Kunsillier N. Dimech qal li kien ħallas personalment lil Portopalo.

30.1.3.2 Il-Kunsill qabel b'mod unanimu li din il-pagament għandu jitneħħa mill-kotba tal-Kunsill.

***Il-Kunsillier N. Dimech ġie skużat li jitlaq mis-seduta fis-6.45 ta' filghaxija***

| | | | | |
|---|---|---|---|---|
| 24 | 431/10 | Mahmoud Jasem | Approvat | Bi qbil unanimu |
| 25 | 500-501/10 | Project Management Design (PMD) | Pendenti | Dan kien ingħata *b'direct order* . Il-Kunsill iddecida li minhabba l-ammont msemmi dan il-pagament ghandu jibqa' pendenti. |
| 26 | 512/10 | Project Management Group (PMG) | Mhux Approvat | Saret diskussjoni fit-tul dwar dan il-pagament. Ix-xoghol li ghalih qed jintlabab il-hlas sar minghajr. Barra minn hekk il-kumpanija PMG qabdet kuntrattur iehor biex ihafer it-trinka minghajr ma ntalab il-permess tal-Kunsill, kif stipulat fit-*tender*. Il-Kunsill qabel b'mod unanimu li m'għandux ifittex lil PMG għad-danni u li din l- |

| | | | | |
|---|---|---|---|---|
| | | | | *invoice* titneħħa mill-kotba tal-Kunsill. |
| 27 | 428/10 | Besteam – Be Support Team Ltd | Approvat | Bi qbil unanimu |
| 96-97 | 759/10<br>763/10<br>760/10<br>764/10 | Med Developers Designers and Consultants | Approvati | Bi qbil unanimu |
| 90 | 855/10 | Environmental Landscapes Consortium Ltd | Mhux Approvat | Dan ix-xoghol ma kienx ordnat mill-Kunsill izda l-kuntrattur ha inizjattiva li jwettaq xoghlijiet minghajr ma jikkordina mal-Kunsill, ghalhekk il-Kunsill qabel b'mod unanimu li dan il-pagament m' ghandux ikun approvat. Il-Kunsill qabel b'mod unanimu li dan il-pagament jitneħħa mill-kotba tal-Kunsill |
| 109 | 877/10 | Supreme Travel Ltd | Approvat | Bi qbil unanimu |
| 36 | 817/10 | St Gregory's | Mhux Approvat | Il-Kunsill iddiskuta dan il-pagament u dddecida li minhabba li din hija donazzjoni dan il-pagament ma jistax isir. Kien hemm qbil unanimu li t-talba ghal pagament titneħħa mill-kotba tal-Kunsill |
| 137 | 818/10 | Stella Maris | Mhux Appovat | Il-Kunsill iddiskuta dan il-pagament u dddecida li minhabba li din hija donazzjoni dan il-pagament ma jistax isir. Kien hemm qbil unanimu li t-talba ghal pagament titneħħa mill-kotba tal-Kunsill |
| 141 | 525/10 | 1st Sliema Scout Group | Mhux Approvat | Il-Kunsill iddiskuta dan il-pagament u dddecida li minhabba li din hija donazzjoni dan il-pagament ma jistax isir. Kien hemm qbil unanimu li t-talba ghal pagament titneħħa mill-kotba tal-Kunsill |
| 145 | 787/10 | Environmental Landscapes Consortium Ltd | Mhux Approvat | Dan ix-xoghol ma kienx ordnat mill-Kunsill izda l-kuntrattur ha inizjattiva li jwettaq xoghlijiet minghajr ma jikkordina |

| | | | | |
|---|---|---|---|---|
| | | | | mal-Kunsill, ghalhekk il-Kunsill qabel b'mod unanimu li dan il-pagament m' ghandux ikun approvat. Il-Kunsill qabel b'mod unanimu li dan il-pagament jitneħħa mill-kotba tal-Kunsill |
| 157 | 452/10 | S&R Handaq Ltd | Approvat | Il-Kunsill iddiskuta dan il-pagament fit-tul u ddecida b'mod unanimu li minhabba li dan ix-xoghol kien ordant qabel ma' ħarġet iċ-ċirkulari mill-Ministeru ghal Finanzi biex ma jsirx iktar xiri minn din il-kumpanija, il-pagament ghandu jsir. |
| 158 | 455/10 | Peter Calleja | Mhux Approvat | Il-Kunsill qal li d-dettalji li bagħat is-Sur Calleja dwar l-*invoice* tiegħu ma kienux sodisfaċenti. Il-Kunsill qabel b'mod unanimu li din it-talba ghandha tibqa pendenti u ma titnehhix mill-kotba tal-Kunsill. |

30.1.4 Is-Sindku ressqet ghall-attenzjoni tal-Kunsill zewg *invoices* kif gej: minn *26th Frame* ghal avviż fil-Gazzetta għall-attivita li kienet saret f'Jum l-Omm; minn *Central Flower Shop* għal fjuri.

30.1.4.1 Il-Kunsillier J. Galea qal li l-Kunsill f'seduta precedenti kien qabel li jħallas biss il-banda li kienet se tkun imqabbda apposta ghal din l-attivita.

30.1.4.2 Il-Kunsillier J. Galea qal li kien sar ftehim mas-*Sliema Business Commnunity.*

30.1.4.3 Il-Kunsill, fuq parit ta' Dott. Camilleri qabel b'mod unanimu li dawn iz-zewg pagamenti m'għandhomx jitħallsu minhabba li ma kienux ġew ordnati mill-Kunsill.

30.1.4.4 Il-Kunsill qabel b'mod unaminu li dawn iz-zewg *invoices* jitneħħew mill-kotba tal-Kunsill.

30.1.5 Is-Sindku ressqet ghall-attenzjoni tal-Kunsill kont ta' Eur18 minn *Squire Bookshop* għal *photocopies* li kienu saru f'April 2010.

30.1.5.1 Il-Kunsill qabel b'mod unanimu li dan m'għandux jitħallas għaliex il-Kunsill ma kienx infurmat u għaliex ma kien hemm l-ebda *purchase request* annessa.

30.1.5(a) [illegible]

30.1.6 Is-Sindku ressqet ghall-attenzjoni tal-Kunsill talba ghal pagament minghand *Outlook Coop* dwar konsulenzi li l-Kunsill talab minghand dan il-kuntrattur ghal progetti li setghu ikunu ffinanzjati mill-UE.

30.1.6.1 Il-Kunsill qabel b'mod unanimu li ghandu jkun ivverifikat il-hlas mal-offerta li kienu ressqu l-*Outlook Coop* ghal kunsiderazzjoni tal-Kunsill qabel mal-Kunsill jiehu d-decizjoni finali.

30.1.7 Dwar is-somma ta' Eur145, 000 f'isem il-PMG, il-Kunsill qabel b'mod unanimu li dan ghandu jerga' diskuss mal-avukat u l-*accountant* tal-Kunsill.

30.1.8 Is-Sindku ressqet ghall-attenzjoni tal-Kunsill talba ghal pagament minghand il-hanut *Merlin Library* ghal xiri ta' kotba għal-librerija. Is-Sindku qalet li l-Kunsill kien infurmat permezz ta' email datata 1 ta' Marzu 2011.

30.1.8.1 Il-Kunsill qabel b'mod unanimu li *Merlin Library* għandu jitħallas għaliex kien hemm talba skont il-minuti 44_22-04-09 punt 3.23.

30.1.9 Is-Sindku ressqet ghall-attenzjoni tal-Kunsill talba ghal pagament minghand resident fi Triq Sant' Enriku ghat-tiswijia tat-tarġa ta' quddiem ir-residenza wara ħsara kkawżata mill-kuntrattur Polidano Group waqt l-asfaltar tal-imsemmija triq.

30.1.9.1 Il-Kunsill qabel b'mod unanimu li dan il-kont għandu jitnaqqas mill-hlas ta' Polidano Group.

**Is-seduta ntemmet fis-7.45 ta' filghaxija.**

**Il-Kunsill aggorna ghal laqgha ad hoc għall-aġġudikazzjoni tat-tender għall-ġbir ta' skart mhallat nhar il-Ġimgħa 4 ta' Marzu 2011 fil-5.30 ta' filghaxija.**

**Johanna Gonzi**
**Sindku**

**Svetlana R. Curmi**
**Segretarju Eżekuttiv**

Minuti approvati llum ........................ ......... ta' ....................... 2011.
(jum) (data) (xahar)